MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09

It-Tlieta 11 ta' Frar 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ltaqa' b'urġenza fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 09.1 Talba

09.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 09.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

09.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 09.3 Ir-rapport dwar il-*belvedere* ta' Triq Ta' Mulejja;

09.3.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri li sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza minħabba li l-Kunsill kien ikkuppjat f'*email* mibgħuta mill-Ispettur tal-Pulizija Josef Gauci indirizzata lill-Kunsillier Horace Micallef fuq l-*email* tiegħu tax-xogħol. Is-Sindku qal li din l-*email* kienet titratta dwar l-ilment li l-Kunsill kien irċieva ftit taż-żmien ilu u ma' din l-*email* kien hemm anness rapport tal-Perit tal-Gvern fejn qed jiċċertifika li hemm periklu fil-*belvedere* ta' tarf Triq Ta' Mulejja. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Horace Micallef jekk din l-email ġietx mibgħuta lilu bħala Kunsillier jew bħala xogħol ma' Transport Malta. Huwa qal li ser jistaqsi lill-Ispettur dwar dan.

09.3.2 Il-Kunsillier Horace Micallef qal li Transport Malta ma' tidħolx f'każijiet bħal dawn. Huwa qal li l-għada li rċieva l-*email* għamel kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill fejn is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li ser jirrispondi lill-Ispettur f'isem il-Kunsill. Għalhekk huwa stqarr li ma għamel l-ebda kuntatt mal-Ispettur tal-Pulizija.

09.3.3 Is-Sindku qal li ġie infurmat li deher ilment fuq il-midja soċjali dwar dan il-każ fejn ġie allegat li wara diversi ilmenti mal-Kunsill, il-Kunsill ma kien ħa l-ebda azzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa azzjoni minnufih bħalma jixhdu l-minuti tal-Kunsill u għaddej bir-riċerki tiegħu skont kif igwidatat mill-Perit tal-Kunsill.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

09.3.4 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u mal-Perit tal-Kunsill mar fuq il-post biex issir spezzjoni tal-*belvedere* u minn fuq ma deher l-ebda konsentura fil-pavimentar tal-istess belvedere. Dakinhar il-Perit kien ta' direzzjoni lill-Kunsill sabiex issir riċerka dwar il-post biex jiġi determinat u ċċarat eżatt ta' min hi r-responsabilita' tal-post u mhux biss ta' min qed jamministra il-wiċċ. Barra minn hekk, is-Sindku qal li wara l-laqgħa tal-Kunsill li saret f'Diċembru li għadda, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru il-*Lands Registry* biex jaraw ta' min hi l-art iżda rriżulta li din l-art mhix irreġistrata mill-Gvern Ċentrali. Dan ifisser li la l-*belvedere* u lanqas it-taraġ li jagħti minn Triq Ta' Mulejja għal Trejqet Wara L-Idjar ma huma rreġistrati mill-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan. Għalhekk il-Kunsill, wara kuntatt mal-Awtorita' tal-Artijiet ingħata formola GOV1 biex timtela' u tintbagħat lill-Awtorita' tal-Artijiet biex jingħata l-informazzjoni. Il-Kunsill għadda din l-applikazzjoni lill-Perit biex jimlija u jagħmel *site plan* hekk kif mitlub fuq l-istess applikazzjoni.

09.3.5 Il-Kunsillier Horace Micallef żied jgħid li min ressaq l-ilment fil-Kunsill ma kkoperax mal-Kunsill meta talbu għal aktar informazzjoni biex jiffaċilita' l-proċess.

09.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hekk kif irċieva r-rapport mingħand l-Ispettur għamel kuntatt mal-Perit biex ifakkru f'dik l-applikazzjoni. Hawn il-Perit analizza l-applikazzjoni u nfurmah li l-applikazzjoni tista' timtela' mis-Segretarju Eżekuttiv stess u bħala *site plan* tista' tinbagħat permezz ta' *Google Maps*.

09.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li f'dik il-ġurnata li l-Kunsill irċieva r-rapport tal-Ispettur Josef Gauci, kien irċieva telefonata mis-Surġent Bonello mill-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex fejn talab għal aktar informazzjoni mill-Kunsill minħabba li ma kienx irnexxielu jsir jaf min hu responsabbli tal-imsemmi *belvedere* għax ma kienx irreġistrat meta s-Surġent Bonello stess mar il-*Lands Registry*.

09.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li x'ħin irċieva r-rapport tal-Ispettur Gauci, huwa talab għall-kopja tar-rapport li kien qed ihejji s-Surġent Bonello iżda l-Ispettur Gauci wieġeb li ma jistax jgħaddi kopja ta' dak ir-rapport lill-Kunsill.

09.3.9 Il-Kunsillier Horace Micallef qal li bħala Kunsill għandna nkunu nafu l-*area* in kwistjoni li tinkludi t-taraġ, taħt it-taraġ, il-*belvedere* u taħt il-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

*belvedere* ta' min huma, jekk humiex tal-privat jew pubbliċi u jekk pubbliċi ta' min hi r-responsabilita'.

09.3.10 Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha sabiex il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku, jieħu l-pariri u s-servizzi legali tal-avukat Dr Noel Camilleri biex jekk hu possibli jotjeni r-rapport tas-Surġent Bonello, ir-rapport ta' min ressaq l-ilment lill-Pulizija kif ukoll it-tagħrif kollu dwar is-sidien tal-area in kwistjoni biex imbagħad l-avukat jagħti d-direzzjoni lill-Kunsill.

## 08.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

08.4.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 ta' Frar 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Frar 2020.

*IFFIRMATA*
Saviour Borg
Sindku

*IFFIRMATA*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA